

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

**DEĊIJONIJIET****DEĊIJONI (UE) 2023/1813 TAL-PARLAMENT EWROPEW****tal-10 ta' Mejju 2023**

**dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja  
2021, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 (¹),
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 (COM(2022) 323 — C9-0228/2022) (²),
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew (³),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Awdit Intern għas-sena finanzjarja 2021,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2021, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet (⁴),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (⁵) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, improvduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2021 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (⁶), u b'mod partikolari l-Artikoli 260, 261 u 262 tiegħi,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Bureau tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regoli interni dwar l-implementazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 34 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100, l-Artikolu 104(3) u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0086/2023),

(¹) ĠU L 93, 17.3.2021.

(²) ĠU C 399, 17.10.2022, p. 1.

(³) ĠU C 279, 20.07.2022, p. 1.

(⁴) ĠU C 391, 12.10.2022, p. 6.

(⁵) ĠU C 399, 17.10.2022, p. 240.

(⁶) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

- A. billi l-President adottat il-kontijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2021 fit-30 ta' Ġunju 2022;
- B. billi s-Segretarju ġenerali, bħala l-uffiċċjal awtorizzanti prinċipali b'delega, fit-3 ta' Ġunju 2022, iċċertifika b'aċċertament raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-baġit tal-Parlament intu żaw għall-iskopijiet previsti, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti joffru l-garanziji neċċesarji ta' legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi;
- C. billi l-Qorti tal-Audituri ddikjarat fl-awditu tagħha li, fil-valutazzjoni speċifika tagħha tan-nefqa amministrattiva fl-2021, ir-rapporti annwali tal-attività tal-istituzzjonijiet ma wrewx livelli materjali ta' żball, u dan huwa konsistenti mas-sejbiet tal-Qorti;
- D. billi l-Artikolu 262(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jirrikjedi li kull istituzzjoni tal-Unjoni tieħu l-passi xierqa kollha biex taġixxi fuq il-kummenti li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament;
1. Jagħti l-kwittanza lill-President tiegħu għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2021;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Audituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Serje L).

*Il-President*  
Roberta METSOLA

*Is-Segretarju ġenerali*  
Alessandro CHIOCCHETTI

---